MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## DEMICOLI SAVIOUR LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Numru 1014/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandro Zarb)**
**(Uffiċjal ta' l-Immigrazzjoni)**

**vs**

**SOUAD BENT MOHAMED M'HAMDI**

**Illum 9 ta' Diċembru, 2002**

Il-Qorti.

Rat l-imputazzjoni li permezz tagħha Souad Bent Mohamed M'Hamdi, ta' 28 sena, ta' nazzjonalita' Tuneżina, bint Mohamed u Latifa, imwielda Le Kef fl-10 ta' Ġunju 1974 u detentriċi ta' passaport numru M 902541 ġiet akkużata:-

Talli matul l-aħħar xhur f'dawn il-Gżejjer, iffalsifikat, biddlet jew għamlet xi tibdil f'passaport jew użat jew kellha

għandha passaport li hija taf li ġie ffalsifikat, imbiddel, jew li sar tibdil fih, bi ksur ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta’ Malta.

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlet falsifikazzjoni oħra, jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat, bi ksur ta’ l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifikat siġilli, timbri jew marki oħra, li qegħdin biex jissiġillaw, jittimbraw jew jimmarkaw, fl-isem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tiegħu, dokumenti jew oġġetti ta’ propjeta’ pubblika, jew li jkunu qegħdin taħt il-kustodja pubblika wkoll jekk dan sar bl-użu falz tal-għodda vera, bi ksur tal-Artikoli 172 u 176 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Innutat li Dr Leon Bencini għall-Imputata ddikjara li mhux kontestata l-legalita’ ta’ l-arrest.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali markat bħala Dok. PS2 u nnutat li l-Imputata ma għandhiex oġġezzjoni li l-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja.

Semgħet l-ammissjoni ta’ l-Imputata tramite l-interpretu u wissiet lill-istess Imputata tramite l-interpretu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-tweġiba ta’ ammissjoni ta’ l-Imputata u, għall-fini li tiġi segwita l-proċedura korretta, tat lill-Imputata Souad Bent Mohamend M’Hamdi ftit taż-żmien biex jekk trid terġa’ lura mill-ammissjoni tagħha u wara li l-Qorti reġgħet staqsiet lill-Imputata tramite l-interpretu jekk tridx tikkonferma l-ammissjoni tagħha jew tirtiraha, l-Imputata tramite l-interpretu wieġbet li qed tammetti l-akkużi.

Semgħet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, fosthom li l-Imputata ammettiet f’dan l-istadju, li l-Imputata għandha fedina penali netta u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-

Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-Imputata kkoperat mal-Pulizija.

Rat l-art. 5 tal-Kap. 61 u l-art. 172, 176 u 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ssib lill-Imputata Souad Bent Mohamed M’Hamdi, fuq ammissjoni ta’ l-istess Imputata, ħatja ta’ l-akkużi kollha kif dedotti kontra tagħha u wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-Imputata Souad Bent Mohamed M’Hamdi għall-piena komplessiva ta’ sentejn priġunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu għall-piena ta’ priġunerija ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-Imputata Souad Bent Mohamed M’Hamdi tikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u l-Qorti qed tagħti lill-Imputata Souad Bent Mohamed M’Hamdi tramite l-interpretu l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Ft/DR. SAVIOUR DEMICOLI LL.D., M.Phil.**
**Maġistrat**

Fiona Vella
Deputat Reġistratur